**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Victor Aquilina)**

**vs.**

**Orazio Grixti**

Kaz Numru: 221/2012

Illum 29 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Orazio Grixti**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Dominic u Lucia xebba Grima, imwieled il-Pieta' nhar is-17 ta' Lulju 1982, residenti fil-fond Flat 1, Bella Rosa Flats, Dawret Hal-Ghaxaq, il-Gudja, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 387482(M)

<u>akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Frar, 2012, u fix-xahrejn ta' qabel din id-data</u>:

1. assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (kokajina) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni;

2. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar

il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Frar 2012, u fil-hames snin ta' qabel din id-data:

4. kellu fil-pusses tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan *ai termini* tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-Registratur tal-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-Inkjesta,

f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni *ai termini* tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 3) datat 24 ta' Frar 2012 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat Orazio Grixti sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-vera kopja ta' Process Verbal bin-Numru 129/2012 (*a fol.* 18 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti u kif ukoll il-vera kopja ta' Process Verbal bin-Numru 132/12 (*a fol.* 30 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 193) datata 4 ta' Settembru 2013 *ai termini* ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat Orazio Grixti sabiex jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat is-*Social Inquiry Report* (Dok. "JM" – *a fol.* 229 *et seq.*) redatt mill-*Probation Officer* Joseph Mizzi,

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 271 *et seq.*).</u>

Semghet, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 275), lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat ir-Rikors kongunt ta' l-Avukat Generali u tal-imputat Orazio Grixti *ai termini* ta' Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (*a fol.* 299).

Semghet, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2019, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 4 *et seq.*), u, kif ukoll, ir-Rikors kongunt ta' l-Avukat Generali u l-imputat Orazio Grixti hawn fuq imsemmi *ai termini* ta' Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'liema Rikors hemm indikat, fost l-ohrajn, li l-imputat ghandu jibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghandha tilqa' t-talba kontenuta fir-Rikors kongunt hawn appena imsemmi. Ghaldaqstant, *ai termini* ta' Artikolu 392A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ser tghaddi biex taghti s-sentenza lilha ndikata mill-partijiet u b'hekk is-sentenza li ser tinghata ser tigi moghtija fuq talba tal-partijiet *ai termini* ta' Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li l-Qorti hija sodisfatta mis-sanzjoni hemm indikata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat

Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a), 22(1)(f), 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

fuq ammissjoni, issib lill-imputat Orazio Grixti hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' erbat'elef Euro (€4000.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Grixti sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, specifikament fejn ir-rapport jirrizulta li gie ntaxxat f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin Euro u sittin centezmu (€224.60).[1]

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, wara li l-Qorti hadet konjizzjoni tar-rapport ta' Dr. Anthony Cutajar (Dok. "AC" – *Envelope Loose*) tinnota li m'huwiex il-kaz li l-Qorti tordna li tigi ssekwestrata l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-hati jew huma proprjeta' tieghu, u m'huwiex lanqas il-kaz li l-Qorti tipprojbixxi lill-hati milli

[1] PS 1184 Patrick Grech u PS 36 Sergio Azzopardi (Dok. "PG" – *a fol.* 79 – *a fol.* 7 tar-Rapport) (€224.60); Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS" – *a fol.* 98 *et seq.*) (mhux intaxxat); Dr. Anthony Cutajar (Dok. "AC" – *Envelope loose*) (mhux intaxxat); Dr. Steven Farrugia Sacco (Dok. "SFS" – *Envelope loose*) (mhux intaxxat).

jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli u b'hekk il-Qorti tichad tali talbiet kif kontenuti fic-*charge sheet* migjuba fil-konfront tal-imputat.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**